Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 44/2015AE

**Christine Baldacchino**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

L-Erbgha, 25 ta' Mejju 2016.

B'decizjoni tas-27 ta' Ottubru 2015, Arbitru laqa' l-appell li pproponiet ir-rikorrenti mid-decizjoni tal-intimat. Jirrizulta li b'avviz tal-31 ta' Mejju 2014, l-Arbitru kien gharraf lill-intimata li:

*"L-applikazzjoni tieghek ghall-ghajnuna socjali (SA) kienet mistharrga/riveduta u gie deciz li m'intix/m'ghadekx aktar intitolat/a ghal din l-Ghajnuna "Ghax qed tadhem full-time."*

L-intimat appella. L-aggravji huma:

1. L-appell quddiem l-Arbitru kien tardiv.
2. Mir-rapport guramentat ta' l-ispetturi rrizulta li l-appellata kienet qed tahdem 39 siegha fil-gimgha u minhabba dawn is-sighat zejda kienet ghalhekk qed taqla' iktar minn dak permess mil-ligi. Illi l-investigazzjoni hija wahda serja u tikkontjeni l-korrispondenza li saret mal-persuni kkoncernati fejn sostnew li l-appellata tahdem bhala *cleaner* fl-ufficini taghhom ghal numru ta' sighat. Jidher li hemm dubji serji ghal dak li jirrigwarda l-verzjoni ddikjarata mill-appellata kif ukoll id-dokumenti pprezentati fis-seduti quddiem l-arbitru;

Christine Baldacchino wiegbet li d-decizjoni tal-Arbitru hi ekwa u gusta. L-appellant qed jipprova jottjeni apprezzament mill-gdid tal-provi minn din il-Qorti. Illi fuq dan ghandu jinghad li kif gie ritenut b'mod kostanti fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrali, il-Qorti tal-Appell bhala qorti ta' revizjoni m'ghandiex bla raguni gravi u impellenti tiddisturba l-apprezzament tal-provi.

Illi in linea mal-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, l-appell odjern ghandu jigi michud peress illi ma rrizultax li l-Arbitru ezercita d-diskrezzjoni tieghu manifestament hazin, jew li hemm xi raguni gravi sabiex jigi disturbat l-ezercizzju ta' apprezzament ta' provi maghmul minnu. Illi dan huwa kjarament accettat

indirettament mill-istess appellant li jiddedika l-ahhar tlett paragrafi tal-appell ghal dan minghajr ma jressaq xi prova jew xi punt gdid ghall-konsiderazzjoni. Fil-fatt jinghad biss ghall-kuntrarju ta' dak li kkonstat l-Arbitru li: *"L-investigazzjoni hija wahda serja u tikkontjeni l-korrispondenza li saret mal-persuni kkoncernati fejn sostnew li l-appellata tahdem bhala hassiela fl-ufficini taghhom ghal numru ta' sighat".* F'ebda mument ma giet kontradetta l-prova diretta prodotta mill-attrici citata fid-decizjoni tal-arbitru kif lanqas ma gew kontradetti l-asserzjonijiet qawwija u ghall-attrici gravi tal-istess Arbitru meta ddikjara *"Illi mhux biss f'dan l-appell izda f'diversi appelli trattati mill-Arbitru hemm nuqqas qawwi ta' provi konkreti fir-rapporti li qieghdin jigu prezentati minn dan id-dipartiment u cioe' dan id-dipartiment donnu jippretendi illi l-Ufficcju tal-Arbitru ser joqghod fuq dak kollu li hemm imnizzel f'rapport minghajr ma jippretendi li jkun hemm dokumenti jew provi ohra in sostenn tal-fatti kif elenkati fir-rapport."*

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

1. B'riferenza ghall-eccezzjoni li l-appell kien tardiv, l-Arbitru ddecieda: *"Illi l-Arbitru jinsab ukoll rinfaccjat bl-eccezzjoni ta' preskrizzjoni izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 108(9) qieghed jiccita l-principju tal-ewkita' u l-gustizzja u jiddikjara li jkun ingust li l-appellanta tigi soggettat ghal decizjoni tad-Dipartiment a bazi ta' rapport li m'ghandu ebda sostenn fattwali."* Il-qorti ma taqbilx. Eccezzjoni bhal dik ghandha tigi deciza skond il-ligi. Skond l-Artikolu 108(3), appell lill-Arbitru ghandu jsir fi zmien tletin (30) jum *"mid-data li fiha d-Direttur jikkomunika d-decizjoni tieghu bil-miktub lir-rikorrent jew lill-beneficjarju skont il-kaz."* Fl-atti m'hemmx prova tal-gurnata meta l-appellant ikkomunika d-decizjoni tieghu **bil-miktub**, lill-appellata. Fir-rikors tal-appell, dwar din il-prova l-appellant ma qal xejn. Fin-nuqqas ta' prova l-aggravju hu michud.

2. Fil-meritu, l-appellant isostni li waqqaf l-ghajnuna socjali ghar-raguni li kienet qeghda tahdem u kellha dhul ferm iktar minn dak li originarjament iddikjarat. Fir-rikors tal-appell intqal hekk dwar dan l-aggravju:-

   *"28. Mir-rapport guramentat tal-ispetturi rrizulta li l-appellata kienet qed tahdem 39 siegha fil-gimgha u minhabba dawn is-sighat zejda kienet ghalhekk qed taqla' iktar minn dak permess mil-ligi. L-investigazzjoni hija wahda serja u tikkontjeni l-korrispondenza li saret mal-persuni kkoncernati fejn sostnew li l-appellata tahdem bhala hassiela fl-ufficini taghhom ghal numru ta' sighat. Jidher li hemm dubji serji ghal dak li jirrigwarda l-verzjoni ddikjarat mill-appellata kif ukoll id-dokumenti prezentati fis-seduti quddiem l-arbitru."*

Il-qorti tosserva:-

- Fl-appell li sar quddiem l-Arbitru ma nstemghux provi;
- Fil-21 ta' Marzu 2012 id-Dipartiment inghata avviz minghand il-principal tal-appellata li kienet qeghda tithallas is-somma ta' €47.42 bhala paga fil-gimgha (minghajr ebda tnaqqis);
- Ir-rapport li sar mid-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji ma giex konfermat bil-gurament. Fl-atti lanqas m'hemm kopja tal-korrispondenza li tissemma fir-rapport, u li fuqha l-ispettorat ikkonkluda li d-dhul tal-appellata kien iktar minn dak dikjarat;
- Mir-rapport ma jirrizultax li l-Ispettorat tkellem mal-principal tal-appellanti biex jitolbu spjegazzjoni dwar it-taghrif li kien gabar fil-konfront tal-appellanti. Fil-fehma tal-qorti dan kellu jsir sabiex l-investigazzjoni tkun kompluta;
- Sahansitra f'dikjarazzjoni tal-principal, datata 2 ta' Settembru 2015, jinghad: *"Ms. Baldacchino started work on a casual part time basis from 7th September 2009 and on part time basis based on 12 hours per week from 20th February 2012. She switched to full time as from 22nd December 2014."* Dikjarazzjoni li taghti xenarju ghal kollox differenti minn dak li jinghad fir-rapport.
- Apparti l-korrispondenza li tissemma, ma jirrizultax li l-Ispettorat gabar dokumenti ufficjali minghand l-HSBC Bank Malta plc li jaghtu prova li l-appellata kienet tahdem is-sighat li jissemmew fir-rapport.

Fil-fehma tal-qorti dan kien kaz fejn kien opportun li l-Arbitru jordna li jinstemghu xhieda. F'dan ir-rigward l-Artikolu 107(3) jipprovdi:-

*"L-Arbitru jkollu s-setgħa li jieħu parir ta' espert meta fid-diskrezzjoni tiegħu jqis li hu meħtieġ, u li* ***jħarrek lil min irid biex jidher quddiemu, jixhed bil-ġurnament u/jew biex iġib dokumenti****; u għal dawn l-iskopijiet ikollu l-poteri mogħtijin bil-liġi lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili."*

Ghalkemm hi fid-diskrezzjoni tal-Arbitru li jharrek li min irid quddiemu biex jixhed bil-gurament, dan kien kaz fejn sabiex l-Arbitru seta' jasal ghal decizjoni kien mehtieg li jinstemghu xhieda. Dan meta tqies li mill-ftit dokumenti prezentati quddiem l-Arbitru, hemm zewg verzjonijiet opposti ghal xulxin. Jirrizulta li l-Arbitru skarta ghal kollox dak li jinghad fir-rapport ghaliex id-Dipartiment ma pprezentax *"...dokumenti jew provi ohra in sostenn tal-fatti kif elenkati fir-rapport."* Min-naha l-ohra accetta qiesu xejn mhu xejn dikjarazzjoni tal-principal tal-appellata. Fil-fehma tal-qorti mehud in konsiderazzjoni d-dokumenti li kellu quddiemu u l-fatt li ma nstemghux xhieda, l-Arbitru ma kienx f'posizzjoni jikkonkludi li l-appell tal-appellata kien gustifikat. Kien ghalhekk mehtieg li l-Arbitru jharrek ix-xhieda biex fuq bazi ta'

probabilita' jiddetermina liema kienet il-verzjoni vera.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tal-Arbitru tas-27 ta' Ottubru 2015, b'dan li tibghat l-atti lura quddiem l-Arbitru sabiex jisma' bil-gurament il-principal tal-appellata u ufficjali tal-HSBC Bank Malta plc u wara jaghti decizjoni. Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Tordna li l-atti jintbaghatu lura quddiem l-Arbitru.**

Anthony Ellul.